KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
BOT
ippreżentati fis-16 ta' April 2015 [1]

Kawża C-184/14

A
vs
B

[talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Corte suprema di cassazione (l-Italja)]

"L-aħjar interess tal-minuri — Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea — Artikolu 24(2) — Regolament (KE) Nru 4/2009 — Ġurisdizzjoni fil-qasam tal-obbligi ta' manteniment — Kwistjoni relatata ma' obbligu ta' manteniment favur l-ulied, imqajma b'mod anċillari għal proċedura ta' separazzjoni, fi Stat Membru differenti minn dak fejn l-ulied minuri għandhom ir-residenza abitwali tagħhom — Regolament (KE) Nru°2201/2003 — Ġurisdizzjoni fi kwistjonijiet matrimonjali u ta' responsabbiltà tal-ġenituri"

1. Għall-ewwel darba, il-Qorti tal-Ġustizzja qed tintalab tinterpreta l-Artikolu 3(ċ) u (d) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 4/2009, tat-18 ta' Diċembru 2008, dwar il-ġurisdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet u l-kooperazzjoni f'materji relatati ma' obbligi ta' manteniment [2].

2. Din id-dispożizzjoni tipprevedi li għandha ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi f'materji relatati ma' obbligi ta' manteniment fl-Istati Membri, dik il-qorti li, skont il-*lex fori*, għandha l-ġurisdizzjoni sabiex tieħu konjizzjoni ta' azzjoni dwar l-istatus ta' persuna jekk il-kwistjoni relatata ma' obbligu ta' manteniment tkun anċillari għal dik l-azzjoni jew il-qorti li, skont il-*lex fori*, għandha l-ġurisdizzjoni sabiex tieħu konjizzjoni ta' azzjoni li tikkonċerna r-responsabbiltà tal-ġenituri jekk il-kwistjoni relatata ma' obbligu ta' manteniment tkun anċillari għal dik l-azzjoni.

3. Fil-kawża mressqa quddiemi, il-Corte suprema di cassazione (il-Qorti tal-Kassazzjoni, l-Italja) tagħmel domanda lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex issir taf jekk kwistjoni relatata mal-manteniment tal-ulied minuri, imqajma fil-kuntest ta' proċedura ta' separazzjoni, tistax tiġi kkunsidrata bħala anċillari kemm għall-azzjoni dwar l-istatus ta' persuna kif ukoll għall-azzjoni dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri. Tali possibbiltà jkollha l-konsegwenza li tistabbilixxi l-ġurisdizzjoni ta' żewġ qrati ta' Stati Membri differenti, jiġifieri l-qorti Taljana li quddiemha tressqet il-kawża għas-separazzjoni legali tal-konjuġi, u l-qorti Ingliża li għandha ġurisdizzjoni sabiex tieħu konjizzjoni tar-responsabbiltà tal-ġenituri.

4. F'dawn il-konklużjonijiet ser nippreżenta r-raġunijiet għaliex naħseb li l-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 4/2009 għandu jiġi interpretat fis-sens li, meta jkun hemm azzjoni prinċipali relatata mas-separazzjoni legali tal-konjuġi u kwistjoni relatata ma' obbligi ta' manteniment fir-rigward tal-ulied minuri titqajjem fil-kuntest ta' din il-proċedura ta' separazzjoni, il-qorti responsabbli għal dik

1 — Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 — ĠU 2009, L 7. p. 1, u r-rettifika, ĠU 2011, L 131, p. 26.

il-proċedura, fil-prinċipju għandha ġurisdizzjoni sabiex tieħu konjizzjoni ta' dik il-kwistjoni relatata mal-obbligi ta' manteniment. Madankollu, din il-ġurisdizzjoni fil-prinċipju għandha ċċedi postha meta dan ikun meħtieġ minħabba l-aħjar interess tal-minuri. Konsegwentement, it-teħid inkunsiderazzjoni tal-aħjar interess tal-minuri jimponi, f'dan il-każ, li l-ġurisdizzjoni territorjali tiġi ddeterminata mill-kriterju tal-qrubija.

I – **Il-kuntest ġuridiku**

A – *Il-Karta*

5. L-Artikolu 24(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea [3] jistipula li, "[f]l-azzjonijiet kollha relatati mat-tfal, kemm jekk jittieħdu minn awtoritajiet pubbliċi jew minn istituzzjonijiet privati, l-aħjar interess tat-tfal għandu jkun kunsiderazzjoni primarja".

B – *Ir-Regolament Nru 4/2009*

6. Il-kwistjoni tal-obbligi ta' manteniment xejn ma hija ġdida fi ħdan l-Unjoni Ewropea peress li fl-aħħar tal-ħamsinijiet diġà kienu jeżistu konvenzjonijiet applikabbli bejn diversi Stati fundaturi tal-Unjoni [4]. Konsegwentement, in-negozjaturi tal-Konvenzjoni tas-27 ta' Settembru 1968 dwar il-ġurisdizzjoni tal-qrati u l-eżekuzzjoni tas-sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali [5] wrew ix-xewqa li din tkun tikkostitwixxi kontinwazzjoni ta' dawn il-konvenzjonijiet [6]. L-Artikolu 5(2) tal-Konvenzjoni ta' Brussell kien jipprovdi li l-konvenut li jkollu d-domiċilju fit-territorju ta' Stat kontraenti seta' jiġi mfittex, fi Stat kontraenti ieħor, b'rabta mal-obbligu ta' manteniment, quddiem il-qorti tal-post fejn il-kreditur ta' manteniment għandu d-domiċilju jew ir-residenza abitwali tiegħu jew, jekk kien hemm talba anċillari għal azzjoni dwar l-istatus ta' persuna, quddiem il-qorti li skont il-*lex fori* għandha ġurisdizzjoni sabiex tieħu konjizzjoni ta' dan, ħlief jekk din il-ġurisdizzjoni ma tkunx ibbażata unikament fuq in-nazzjonalità ta' waħda mill-partijiet.

7. Din ir-regola sussegwentement iddaħħlet fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001, tat-22 ta' Diċembru 2000, dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali [7].

8. Sabiex jinżamm u jiġi żviluppat spazju ta' libertà, ta' sigurtà u ta' ġustizzja, l-Unjoni fasslet strumenti li jaqgħu, b'mod partikolari, fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili li għandhom implikazzjonijiet transfrontalieri. Għalhekk adottat ir-Regolament Nru 4/2009, li għandu l-għan li jiffaċilita l-ksib ta' deċiżjoni fi Stat Membru ieħor fir-rigward tat-talba ta' manteniment mingħajr ebda formalità oħra [8].

9. Il-premessa 44 ta' dan ir-regolament tindika li dan tal-aħħar għandu l-għan li jissostitwixxi, f'materji relatati ma' obbligi ta' manteniment, ir-Regolament Nru 44/2001. Ir-Regolament Nru 4/2009 b'hekk jikkostitwixxi *lex specialis* fir-rigward tar-Regolament Nru 44/2001.

3 — Iktar 'il quddiem il-"Karta".

4 — Il-Konvenzjoni ta' New York, tal-20 ta' Ġunju 1956, dwar l-irkupru ta' manteniment minn barra l-pajjiż kif ukoll il-Konvenzjoni ta' Den Haag, tal-15 ta' April 1958, dwar ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet relatati mal-obbligi ta' manteniment lejn it-tfal.

5 — ĠU 1972, L 299, p. 32. Konvenzjoni kif emendata mill-konvenzjonijiet suċċessivi dwar l-adeżjoni tal-Istati Membri l-ġodda għal din il-konvenzjoni (iktar 'il quddiem il-"Konvenzjoni ta' Brussell").

6 — Ara p. 24 u 25 tar-rapport ta' P. Jenard dwar il-Konvenzjoni tas-27 ta' Settembru 1968 dwar il-Ġurisdizzjoni u l-Eżekuzzjoni ta' sentenzi f'Materji Ċivili u Kummerċjali (ĠU 1979, C 59, p. 1).

7 — ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 4, p. 42. Ara l-Artikolu 5(2) tar-Regolament Nru 44/2001.

8 — Ara l-premessa 9 ta' dan ir-regolament.

10. Ir-Regolament Nru 4/2009 japplika, skont l-Artikolu 1(1) tiegħu "għall-obbligi ta' manteniment li ġejjin minn relazzjonijiet tal-familja, parentela, żwieġ jew affinità", u l-premessa 11 tiegħu tispeċifika li t-terminu "obbligu ta' manteniment" għandu jinftiehem b'mod awtonomu.

11. Għal dan il-għan, dan ir-regolament jistabbilixxi sistema ta' regoli komuni, b'mod partikolari fir-rigward ta' kunflitti ta' ġurisdizzjonijiet, billi jistabbilixxi regoli ta' ġurisdizzjoni ġenerali f'materji relatati ma' obbligi ta' manteniment.

12. Għaldaqstant, l-Artikolu 3 ta' dan ir-regolament jaqra kif ġej:

"Fi kwistjonijiet relatati ma' obbligi ta' manteniment, fl-Istati Membri, il-ġurisdizzjoni għandha tkun f'idejn:

(a) il-qorti tal-post fejn il-konvenut għandu r-residenza abitwali tiegħu, jew

(b) il-qorti tal-post fejn il-kreditur għandu r-residenza abitwali tiegħu, jew

(ċ) il-qorti li, skont il-liġi tagħha stess [*lex fori*], għandha l-ġurisdizzjoni biex twettaq proċedimenti li jikkonċernaw l-istatus ta' persuna jekk il-kwistjoni relatata ma' manteniment tkun anċillari għal dawk il-proċedimenti, sakemm dik il-ġurisdizzjoni ma tkunx ibbażata unikament fuq iċ-ċittadinanza ta' waħda mill-partijiet, jew

(d) il-qorti li, skont il-liġi tagħha stess għandha l-ġurisdizzjoni biex iżżomm proċeduri li jikkonċernaw ir-responsabbiltà ta' ġenitur jekk il-kwistjoni relatata ma' manteniment tkun anċillari għal dawk il-proċeduri, sakemm dik il-ġurisdizzjoni ma tkunx ibbażata unikament fuq in-nazzjonalità ta' waħda mill-partijiet."

13. Finalment, huwa utli li jiġi speċifikat li r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, li ma pparteċipax fl-adozzjoni tar-Regolament Nru 4/2009, minkejja dan, aċċetta l-applikazzjoni tiegħu iktar tard [9].

C – *Ir-Regolament (KE) Nru 2201/2003*

14. Ir-Regolament (KE) Nru 2201/2003 [10], għandu l-għan li joħloq uniformità, fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, fir-regoli rigward il-ġurisdizzjoni internazzjonali fi kwistjonijiet ta' divorzju, ta' separazzjoni legali jew ta' annullament taż-żwieġ, kif ukoll fi kwistjonijiet tar-responsabbiltà tal-ġenituri.

15. B'konformità mal-Artikolu 1(3)(e) tar-Regolament Nru 2201/2003, dan ma japplikax għall-obbligi ta' manteniment.

16. L-Artikolu 3(1)(b) ta' dan ir-regolament jindika li fi kwistjonijiet dwar id-divorzju, dwar is-separazzjoni legali jew dwar l-annullament taż-żwieġ, il-ġurisdizzjoni għandha taqa' taħt il-kompetenza tal-qrati tal-Istat Membru tan-nazzjonalità taż-żewġ konjuġi jew, fil-każ tar-Renju Unit u l-Irlanda, tad-"domiċilju" taż-żewġ konjuġi.

9 — Ara, f'dan ir-rigward, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/451/KE, tat-8 ta' Ġunju 2009, dwar l-intenzjoni tar-Renju Unit biex taċċetta r-Regolament Nru 4/2009 (ĠU L 149, p. 73).

10 — Regolament tal-Kunsill, tas-27 ta' Novembru 2003, dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbilità tal-ġenituri, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1347/2000 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 243).

17. Il-premessa 12 tal-imsemmi regolament tipprovdi:

“Ir-raġunijiet ta’ l-ġurisdizzjoni fi kwistjonijiet ta’ responsabbilità ta’ l-ġenituri stabbiliti fir-Regolament preżenti huma fformati fi ħdan l-aqwa interessi għall-minuri, u partikolarment dwar il-kriterju ta’ l-qrubija. Dan ifisser li l-ġurisdizzjoni għandha toqgħod l-ewwelnett ma’ l-Istat Membru tar-residenza abitwali ta’ l-minuri, ħlief għal ċerti każijiet fejn hemm tibdil fir-residenza ta’ l-minuri jew skond ftehim bejn dawk il-ġenituri li huma d-detenturi tar-responsabilità.”

18. B’hekk, skont l-Artikolu 8(1) tar-Regolament 2201/2003, “[i]l-qrati ta’ Stat Membru għandu jkollhom il-ġurisdizzjoni fi kwistjonijiet ta’ responsabbilità ta’ l-ġenituri dwar minuri li huma abitwalment residenti f’dak l-Istat Membru fiż-żmien li l-qorti tkun ħadet il-pussess [tkun ġie adita]”.

II – **Il-fatti tal-kawża prinċipali u d-domanda preliminari**

19. A u B, it-tnejn li huma ta’ nazzjonalità Taljana, huma miżżewġa u għandhom żewġ ulied minuri, ukoll ta’ nazzjonalità Taljana. L-erba’ membri ta’ din il-familja għandhom ir-residenza abitwali tagħhom Londra (ir-Renju Unit), u l-ulied joqogħdu ma’ ommhom.

20. B’rikors tat-28 ta’ Frar 2012, A ippreżenta azzjoni quddiem it-Tribunale di Milano (l-Italja) sabiex dan tal-aħħar jiddikjara s-separazzjoni minn mal-mara tiegħu minħabba nuqqasijiet ta’ din tal-aħħar u li d-dritt ta’ kustodja fir-rigward taż-żewġ minuri jinqasam bejn iż-żewġ konjuġi bl-istabbiliment tal-post ta’ residenza għand ommhom. A jipproponi wkoll li jitħallas allowance ta’ kull xahar ta’ EUR 4 000 għall-manteniment tat-tfal.

21. B ippreżentat kontrotalba quddiem din l-istess qorti, sabiex is-separazzjoni tiġi ddikjarata minħabba n-nuqqasijiet esklużivi ta’ A, sabiex il-kustodja tal-minuri tiġi fdata lilha u sabiex tingħatalha allowance ta’ kull xahar ta’ EUR 18 700. Barra minn hekk, B eċċepixxiet in-nuqqas ta’ ġurisdizzjoni tal-qorti Taljana fir-rigward tas-sistema tad-dritt ta’ kustodja, l-istabbiliment tal-post ta’ residenza, iż-żamma tar-relazzjonijiet u tal-kuntatti mal-ulied kif ukoll il-kontribuzzjoni għall-manteniment tagħhom. Hija tqis, fil-fatt, li ladarba ż-żewġ konjuġi dejjem kienu joqogħdu Londra u l-ulied twieldu hemm u huma residenti hemmhekk, il-qorti Ingliża hija dik kompetenti sabiex tieħu konjizzjoni ta’ dawn il-kwistjonijiet, b’konformità mar-Regolament Nru 2201/2003.

22. B’digriet tas-16 ta’ Novembru 2012, it-Tribunale di Milano qies li l-qorti Taljana effettivament għandha ġurisdizzjoni fir-rigward tat-talba għas-separazzjoni legali, b’konformità mal-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 2201/2003. Madankollu, fir-rigward tat-talbiet li jikkonċernaw ir-responsabbiltà tal-ġenituri fuq iż-żewġ ulied minuri, skont l-Artikolu 8(1) ta’ dan ir-regolament, irrikonoxxa l-ġurisdizzjoni tal-qorti Ingliża sa fejn l-ulied għandhom ir-residenza abitwali tagħhom ġewwa Londra.

23. F’dak li jikkonċerna, b’mod iktar speċifiku, il-kwistjonijiet li jikkonċernaw il-manteniment tal-konjuġi u tat-tfal, it-Tribunale di Milano għamel riferiment għar-Regolament Nru 4/2009, u b’mod partikolari għall-Artikolu 3 tiegħu. B’hekk, qies li huwa għandu l-ġurisdizzjoni sabiex jiddeċiedi dwar il-kwistjoni li tikkonċerna l-manteniment imqajma minn u għall-vantaġġ ta’ B, peress li din il-kwistjoni hija anċillari għall-azzjoni li tikkonċerna l-istatus ta’ persuna. Għall-kuntrarju, fir-rigward tal-kwistjoni li tikkonċerna l-manteniment tal-ulied minuri, iddikjara lilu nnifsu bħala li ma għandux ġurisdizzjoni sa fejn din il-kwistjoni, kif meqjus minnu, kienet anċillari mhux għall-azzjoni dwar l-istatus ta’ persuna, iżda għal dik dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri, li taqa’ taħt il-ġurisdizzjoni tal-qorti Ingliża.

24. Fid-dawl ta’ dan ir-rifjut tal-ġurisdizzjoni tal-qorti Taljana, A appella quddiem il-Corte suprema di cassazione billi bbaża fuq aggravju wieħed, jiġifieri l-fatt li l-ġurisdizzjoni tal-qorti Taljana fir-rigward tal-kwistjoni relatata mal-manteniment tal-ulied minuri tista’ wkoll tiġi kkunsidrata bħala anċillari għall-azzjoni ta’ separazzjoni legali, b’konformità mal-Artikolu 3(ċ) tar-Regolament Nru 4/2009.

25. Billi l-Corte suprema di cassazione kellha dubji dwar l-interpretazzjoni li għandha tingħata ta' dan ir-regolament, hija ddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel id-domanda preliminari segwenti lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"Talba għall-manteniment tat-tfal, imressqa fil-kuntest ta' proċeduri ta' separazzjoni personali [legali] tal-konjuġi, tista' tiġi deċiża, peress li hija anċillari għal dawn il-proċeduri, kemm mill-qorti li quddiema jkunu pendenti l-proċeduri ta' separazzjoni kif ukoll mill-qorti li quddiemha jkunu pendenti l-proċeduri dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri, abbażi tal-kriterju tal-prevenzjoni, jew għandha neċessarjament tiġi deċiża minn din tal-aħħar, billi ż-żewġ kriterji distinti previsti fil-punti (ċ) u (d) tal-Artikolu 3 ċċitat huma alternattivi (fis-sens li wieħed neċessarjament jeskludi lill-ieħor)?".

III – **Analiżi**

26. Bid-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex issir taf, essenzjalment, jekk l-Artikolu 3(ċ) u (d) tar-Regolament Nru 4/2009 għandux jiġi interpretat fis-sens li l-qorti li għandha ġurisdizzjoni li tieħu konjizzjoni ta' kwistjoni li tikkonċerna l-obbligi ta' manteniment favur ulied minuri, imqajma fil-kuntest ta' proċedura ta' separazzjoni legali tal-konjuġi, tista' tkun kemm il-qorti li għandha ġurisdizzjoni sabiex tieħu konjizzjoni tal-azzjoni dwar l-istatus ta' persuna kif ukoll dik li għandha ġurisdizzjoni sabiex tieħu konjizzjoni tal-azzjoni li tirrigwarda r-responsabbiltà tal-ġenituri.

27. Fir-realtà, ir-risposta għad-domanda magħmula tippreżupponi li l-punti segwenti ġew solvuti. L-ewwel nett, bil-preżenza tal-ulied fid-dar, il-kwistjoni tal-iffissar u tat-tqassim tal-obbligu ta' manteniment li jikkonċernahom tista' tiġi sseparata mill-azzjoni għat-terminazzjoni tar-rabta konjugali tal-ġenituri tagħhom? Imbagħad, liema konsegwenzi jeħtieġ li jinsiltu mill-ġurisdizzjoni tal-qrati li titressaq quddiemhom tali azzjoni għal terminazzjoni?

28. It-teħid inkunsiderazzjoni tal-kunċett tal-aħjar interess tal-minuri jidhirli li jimponi n-natura tar-risposta li jeħtieġ li tingħata lill-qorti tar-rinviju. B'hekk, iddeċidejt li nifformula mill-ġdid id-domanda magħmula skont dan il-prinċipju fundamentali, b'tali mod li l-ulied ikunu l-punt ċentrali ta' din il-kwistjoni.

29. Fil-fatt, bla dubju ta' xejn, fir-rigward kemm tat-testi kif ukoll tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, dan il-kunċett jalimenta b'mod obbligatorju d-dritt tal-familja ladarba s-sitwazzjoni tal-ulied tkun ikkonċernata mit-tilwima fil-kawża prinċipali.

30. F'dan il-każ, infakkar li l-Artikolu 24(2) tal-Karta jipprevedi li "[f]l-azzjonijiet kollha relatati mat-tfal, kemm jekk jittieħdu minn awtoritajiet pubbliċi jew minn istituzzjonijiet privati, l-aħjar interess tat-tfal għandu jkun kunsiderazzjoni primarja". Ma jistax jiġi kkontestat li l-Karta hija applikabbli f'dan il-każ.

31. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja kellha l-opportunità li tfakkar fl-importanza ta' dan il-prinċipju f'diversi okkażjonijiet.

32. B'hekk, fis-sentenza Rinau [11], indikat li r-Regolament Nru 2201/2003 jitlaq mill-kunċett li l-aħjar interess tal-minuri għandu jipprevali [12]. Iktar reċentement, qieset li huwa neċessarju li tiġi żgurata l-protezzjoni tal-aħjar interess tal-ulied meta tiġi ddeterminata r-residenza abitwali ta' dawn tal-aħħar [13].

33. Barra minn hekk, jeħtieġ li jiġi nnotat li l-Qorti tal-Ġustizzja tiżgura b'mod partikolari li l-interpretazzjoni li tingħata tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 2201/2003 tkun konformi mal-Artikolu 24 tal-Karta, b'mod partikolari għall-aħjar interess tal-minuri. Fil-fatt, fis-sentenza tagħha Aguirre Zarraga [14], il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li, "sa fejn [dan] ir-Regolament [...] ma jistax imur kontra l-[Karta], id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 42 tal-imsemmi regolament li jimplementaw id-dritt tal-minuri li jinstema' għandhom jiġu interpretati *fid-dawl tal-Artikolu 24 [tal-Karta]*" [15].

34. Hija saħansitra tmur iktar lil hinn fis-sentenza tagħha McB. [16], minħabba li tivverifika jekk l-Artikolu 24 tal-Karta jmurx kontra l-interpretazzjoni li għadha kif tat tar-Regolament Nru 2201/2003 [17]. F'din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja tindika li mill-premessa 33 ta' dan ir-regolament jirriżulta li dan jirrikonoxxi d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji mħaddna fil-Karta billi jfittex li jiżgura, b'mod partikolari, ir-rispett tad-drittijiet fundamentali tal-ulied, kif iddikjarati fl-Artikolu 24 tagħha. Konsegwentement, id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament ma jistgħux jiġu interpretati b'tali mod li jinjoraw id-dritt fundamentali tal-minuri li jkollu, fuq bażi regolari, relazzjonijiet personali u kuntatti diretti maż-żewġ ġenituri tiegħu, li l-osservanza tiegħu hija bla dubju marbuta mal-aħjar interess tal-minuri [18]. Minn dan hija ddeduċiet li, f'dawn iċ-ċirkustanzi, jeħtieġ li jiġi vverifikat jekk l-Artikolu 24 tal-Karta, li l-Qorti tal-Ġustizzja tiżgura l-osservanza tiegħu, imurx kontra l-interpretazzjoni tar-Regolament Nru 2201/2003 kif spjegata fil-punt 44 ta' din is-sentenza [19].

35. L-osservazzjoni li għandi nagħmel abbażi ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet hija mingħajr ambigwità. Fl-applikazzjoni u l-interpretazzjoni tat-testi tad-dritt tal-Unjoni, l-aħjar interess tal-minuri għandu jiggwida. F'dan ir-rigward, il-kliem tal-Kumitat dwar id-Drittijiet tat-Tfal fi ħdan l-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għad-Drittijiet tal-Bniedem (OHCHR) jinstema' partikolarment ġust. Fil-fatt, huwa jfakkar li "l-aħjar interess tat-tfal huwa standard, objettiv, linja gwida, kunċett ta' gwida, li għandu jiċċara, jitħaddan fi u jalimenta r-regoli, il-politiki u d-deċiżjonijiet interni kollha kif ukoll il-baġits relatati mal-minuri" [20] [traduzzjoni mhux uffiċjali]

36. Il-ġurisprudenza li tirriżulta fir-rigward tar-Regolament Nru 2201/2003 tista' evidentement tiġi trasposta għar-Regolament Nru 4/2009. Ikun inkomprensibbli li l-qawwa ta' dan il-prinċipju, li jikkostitwixxi wieħed mid-drittijiet fundamentali tal-minuri, jista' jvarja skont il-qasam tad-dritt tal-familja kkunsidrat, filwaqt li irrispettivament mill-qasam, il-minuri jibqa' kkonċernat direttament.

11 — C-195/08 PPU, EU:C:2008:406.

12 — Punt 51.

13 — Ara s-sentenza C (C-376/14 PPU, EU:C:2014:2268, punt 56). Ara wkoll, għat-teħid inkunsiderazzjoni tal-aħjar interess tal-minuri meta l-Qorti tal-Ġustizzja tinterpreta r-Regolament Nru 2201/2003, is-sentenzi A (C-523/07, EU:C:2009:225); Detiček (C-403/09 PPU, EU:C:2009:810); Purrucker (C-256/09, EU:C:2010:437), u Mercredi (C-497/10 PPU, EU:C:2010:829).

14 — C-491/10 PPU, EU:C:2010:828.

15 — Punt 60 u l-ġurisprudenza ċċitata. Korsiv miżjud minni.

16 — C-400/10 PPU, EU:C:2010:582.

17 — Ara, f'dan ir-rigward, A. Devers, "Les praticiens et le droit international privé européen de la famille", *Revue Europe*, Nru 11, Novembru 2013, studju 9, punti 22 *et seq*.

18 — Punt 60.

19 — Punt 61.

20 — Ara "Article 3: Intérêt supérieur de l'enfant", *Revue Droit de la famille*, Nru 11, Novembru 2006, fajl 16, li jikkonċerna l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal konkluża fi New York fl-20 ta' Novembru 1989 u rratifikata mill-Istati Membri kollha. Dan l-Artikolu 3 jipprovdi, fil-paragrafu 1 tiegħu, li "fl-azzjonijiet kollha li jikkonċernaw it-tfal, kemm jekk jittieħdu minn istituzzjonijiet pubbliċi jew privati tal-protezzjoni soċjali, qrati tal-liġi, awtoritajiet amministrattivi jew korpi leġiżlattivi, il-kunsiderazzjoni primarja għandha tkun l-aħjar interess tat-tfal".

37. Fid-dawl ta' dawn l-osservazzjonijiet, inqis li nista' nagħmel il-preċiżazzjonijiet li ġejjin b'risposta għall-ewwel punt li qajjimt meta fformulajt mill-ġdid id-domanda magħmula mill-Corte suprema di cassazione.

38. Huwa hawnhekk li l-interpretazzjoni tal-Artikolu 3(ċ) tar-Regolament Nru 4/2009 għandha tiġi indirizzata.

39. Fil-fehma tal-Kummissjoni, il-kriterju ta' rabta previst fl-Artikolu 3(d) ta' dan ir-regolament jista' jkun relatat biss mal-obbligi ta' manteniment fir-rigward tal-ulied minuri, li evidentement huma marbuta mar-responsabbiltà tal-ġenituri, filwaqt li l-kriterju ta' rabta previst fl-Artikolu 3(ċ) ta' dan ir-regolament jista' jkun relatat biss mal-obbligi ta' manteniment bejn il-konjuġi, u mhux mal-obbligi ta' manteniment b'rabta mal-ulied minuri wkoll.

40. Jien ma naqbilx ma' din il-perspettiva, u dan minħabba r-raġunijiet segwenti.

41. Ma jidhirlix li l-istruttura tal-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 4/2009 hija insinjifikattiva. L-Artikolu 3(a) u (b) ta' dan ir-regolament jipprevedi żewġ bażijiet ta' ġurisdizzjoni li jirregolaw is-sitwazzjonijiet li fihom il-kwistjoni relatata mal-obbligi ta' manteniment hija l-azzjoni prinċipali. F'dan il-każ hija r-residenza abitwali tal-konvenut jew dik tal-kreditur li tipprovdi bażi għal din il-ġurisdizzjoni.

42. Iż-żewġ bażijiet ta' ġurisdizzjoni l-oħrajn previsti fl-Artikolu 3(ċ) u (d) ta' dan ir-regolament jirregolaw, min-naħa tagħhom, is-sitwazzjonijiet li fihom il-kwistjoni relatata mal-obbligi ta' manteniment hija anċillari għal azzjoni relatata mal-istatus ta' persuna jew għal azzjoni relatata mar-responsabbiltà tal-ġenituri rispettivament.

43. Huwa ċar li s-sitwazzjoni ta' persuna mhux miżżewġa, miżżewġa, isseparata b'mod ġudizzjarju jew iddivorzjata tittratta l-istatus ta' persuna u tipproduċi effetti fir-rigward ta' terzi.

44. Huwa wkoll ċar li peress li t-terminazzjoni tar-rabta matrimonjali jew tal-ħajja flimkien twassal għas-separazzjoni tal-konjuġi u l-qsim tad-dar, il-kwistjoni tal-iffissar tal-pensjoni tal-manteniment li tirrigwarda l-minuri preżenti fid-dar u tat-tqassim ta' dan l-oneru hija kwistjoni li tqum mhux biss b'mod awtomatiku kif jeħtieġ is-sempliċi sens komun, iżda wkoll, u fuq kollox, b'mod obbligatorju għal kwistjonijiet purament ġuridiċi. Għandi nammetti li huwa ferm evidenti, mingħajr ma niċħad ir-realtà ta' kuljum tal-azzjonijiet ta' dan it-tip, li waħda, l-iffissar tal-pensjoni tal-manteniment tal-minuri u t-tqassim tal-oneru tagħha, hija l-konsegwenza awtomatika u naturali tal-oħra, jiġifieri l-azzjoni għat-terminazzjoni tar-rabta konjugali. In-natura anċillari, fis-sens ġuridiku tal-kelma, li torbot lill-ewwel waħda mat-tieni, jidhirli li hawnhekk hija stabbilita b'mod inkontestabbli.

45. Liema konsegwenzi għandi nislet minn din l-ewwel konklużjoni? Issa jeħtieġ li neżamina t-tieni punt li jirriżulta mill-formulazzjoni mill-ġdid tad-domanda.

46. It-teħid inkunsiderazzjoni tal-aħjar interess tal-minuri hawnhekk jassumi l-valur tiegħu ta' prinċipju ta' gwida.

47. Fil-fatt inqis li kull soluzzjoni li tikkonsisti f'li niddistingwi, minn naħa, l-azzjoni għat-terminazzjoni tal-ħajja tal-familja li ser titressaq quddiem qorti ta' Stat Membru, u min-naħa l-oħra, l-azzjoni li tikkonċerna l-pensjoni tal-manteniment tal-minuri li tkun taqa' taħt il-ġurisdizzjoni ta' qorti ta' Stat Membru ieħor, tkun totalment kuntrarja għall-interess tal-minuri.

48. Sabiex wieħed jikkonvinċi ruħu minn dan, huwa biżżejjed li jitqies li l-loġika ġuridika ta' din is-sistema titlob li l-qorti kompetenti għall-kwistjoni tal-pensjoni tal-manteniment għandha tistenna li qabel tkun ittieħdet id-deċiżjoni definittiva dwar it-terminazzjoni tar-rabta konjugali (separazzjoni legali jew divorzju). Minn dan jirriżulta terminu ta' inattività inevitabbli li matulu ma jkunx iddefinit x'se jsir mill-minuri.

49. Anki jekk il-qorti li quddiemha tkun tressqet din il-kwistjoni li tirrigwarda r-rabta matrimonjali tieħu miżuri li tikkwalifika bħala provviżorji dwar dawn il-punti, is-soluzzjoni ta' kontinwità bejn l-istadji differenti tal-proċedura mhux se tikkawża inqas termini inaċċettabbli fir-rigward tal-prinċipji msemmija hawn fuq, peress li jiġu imposti miżuri għal terminu indeterminat deċiżi bi ksur tal-prinċipju tal-aħjar interess tal-minuri.

50. Inżid ngħid, b'mod li jista' jkun anki eċċessiv, li din is-sitwazzjoni evidentement ta' preġudizzju ma tirriżultax fir-rigward ta' minuri li l-ġenituri tagħhom jibqgħu stabbiliti fl-Istat Membru tan-nazzjonalità tagħhom. Fi kliem ieħor, l-eżerċizzju tal-libertajiet ta' moviment u ta' stabbiliment tal-ġenituri hija l-oriġini ta' sitwazzjoni ta' żvantaġġ li ma tirriżultax fir-rigward tal-minuri li l-ġenituri tagħhom jiddivorzjaw jew jisseparaw b'mod ġudizzjarju mingħajr ma jitilqu mill-Istat Membru ta' oriġini tagħhom.

51. Konsegwentement, tirriżulta l-ħtieġa li tinġabar fi ħdan l-istess qorti l-ġurisdizzjoni biex tittieħed konjizzjoni kemm tal-azzjoni prinċipali inizjali għat-terminazzjoni tar-rabta konjugali kif ukoll tal-azzjonijiet anċillari fundamentali għall-minuri li jirriżultaw mill-ewwel waħda. Għandha tiġi stabbilita l-qorti kompetenti u, f'dan il-każ ukoll, ir-riflessjoni tiegħi għandha tkun iggwidata mill-kunċett tal-aħjar interess tal-minuri. L-idea immedjata u l-iktar waħda sempliċi tkun li kollox jintrabat mal-ġurisdizzjoni tal-qorti adita sabiex tieħu konjizzjoni tal-azzjoni ta' separazzjoni tal-ġenituri.

52. Fis-sempliċità tagħha, din l-idea taħbi realtà diffiċili. Fil-fatt, din tmur lura għall-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament Nru 2201/2003, li jħalli għażla lill-ġenituri, partikolarment dik li jressqu l-kawża quddiem qorti li jkollha ġurisprudenza biss minħabba n-nazzjonalità komuni tagħhom, kif għamlu f'dan il-każ. Issa, ir-Regolament Nru 4/2009, fl-Artikolu 3(ċ) u (d) tiegħu, jeskludi espressament tali ġurisdizzjoni, kemm fir-rigward tal-kwistjoni relatata ma' obbligi ta' manteniment fil-kuntest ta' azzjoni relatata mal-istatus ta' persuna, kif ukoll fir-rigward ta' dik fil-kuntest ta' azzjoni b'rabta mar-responsabbiltà tal-ġenituri.

53. Din il-konstatazzjoni b'hekk tidher li qed tpoġġi żewġ regolamenti direttament kontra xulxin, u timponi soluzzjoni li tikkonsisti f'li jiġu diviżi l-azzjonijiet, u li preċedentement jien iddeskrivejt bħala impossibbli.

54. Fir-realtà, il-kontradizzjoni hija biss waħda apparenti. Fil-fatt, ir-Regolament Nru 2201/2003 ma jistax jiġi eliminat mill-effett mandatorju tat-teħid inkunsiderazzjoni tal-aħjar interess tal-minuri. Barra minn hekk, huwa biżżejjed, f'dan ir-rigward, li titfakkar il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja ċċitata fil-punti 32 sa 34 ta' dawn il-konklużjonijiet.

55. Ma' din jiżdied ukoll it-test stess tal-premessa 12 ta' dan ir-regolament li, infakkar, jipprovdi li "[i]r-raġunijiet ta' l-ġurisdizzjoni fi kwistjonijiet ta' responsabbiltà ta' l-ġenituri stabbiliti [f'dan ir-regolament] huma ffurmati fi ħdan l-aqwa interessi għall-minuri, u partikolarment dwar il-kriterju ta' l-qrubija. Dan ifisser li l-ġurisdizzjoni għandha toqgħod l-ewwelnett ma' l-Istat Membru tar-residenza abitwali tal-minuri, ħlief għal ċerti każijiet fejn hemm tibdil fir-residenza ta' l-minuri jew skond ftehim bejn dawk il-ġenituri li huma d-detenturi tar-responsabilità".

56. Huwa proprju dan il-kriterju tal-qrubija li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni.

57. Huwa dan li fil-fatt jippermetti li f'dan il-qasam ir-Regolamenti Nri 2201/2003 u 4/2009 isiru kompatibbli.

58. Il-kriterju tal-qrubija, peress li huwa strettament relatat mal-aħjar interess tal-minuri, jeżiġi li tintgħażel il-qorti tal-post ta' residenza tal-minuri sabiex ikollha ġurisdizzjoni sħiħa. Dan jispjega li, fil-kuntest tar-Regolament Nru 4/2009, il-ġurisdizzjoni bbażata unikament fuq in-nazzjonalità tal-ġenituri hija eskluża, kemm jekk tkun tikkonċerna l-pensjoni tal-manteniment jew kif ukoll jekk tkun tikkonċerna r-responsabbiltà tal-ġenituri, minħabba li, f'dan il-każ, il-kriterju tal-qrubija se jkun evidentement eskluż, u għalhekk, anki l-aħjar interess tal-minuri.

59. Barra minn hekk, u minħabba l-istess prinċipji, fost il-bażijiet ta' ġurisdizzjoni elenkati fl-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 2201/2003, din id-darba, l-istess kriterju tal-qrubija li n-natura predominanti tiegħu hija espressa fil-premessa 12 ta' dan ir-regolament jimponi li tinżamm bħala l-bażi tal-ġurisdizzjoni dik tar-residenza abitwali tal-konjuġi. Ninnota, barra minn hekk, li lanqas ma huwa insinjifikattiv li l-kriterju tar-residenza abitwali huwa l-ewwel wieħed minn dawk fil-lista tal-Artikolu 3 ta' dan ir-regolament.

60. Huwa evidenti li dan il-kriterju tar-residenza abitwali tal-konjuġi jindika l-post fejn tkun tinsab ir-residenza tal-familja u, b'hekk, dik tal-minuri, qabel is-separazzjoni.

61. B'dan il-mod jiġi ssodisfatt ir-rekwiżit tal-kriterju tal-qrubija. Barra minn hekk, jekk ikun baqa' dubju fir-rigward tal-kompatibbiltà tar-Regolamenti Nri 2201/2003 u 4/2009 dwar dan il-punt speċifiku, in-natura ta' *lex specialis* tar-Regolament Nru 4/2009 tkun suffiċjenti sabiex issolvi d-dibattitu favurih fl-interpretazzjoni li pproponejt.

62. Fil-qosor, għaldaqstant jidhirli li huwa possibbli li s-sitwazzjoni li tirriżulta minn dan tiġi deskritta fil-kuntest tad-divorzju jew tas-separazzjoni legali ta' koppja bil-preżenza ta' minuri fid-dar, jiġifieri li l-iffissar inizjali tal-pensjoni tal-manteniment u t-tqassim tal-oneru tal-kontribuzzjoni tal-ġenituri għall-manteniment tal-minuri jiġu invokati – bl-istess mod ukoll, abbażi ta' xebh, għall-kwistjonijiet relatati mal-awtorità tal-ġenitur – fil-kuntest tal-qorti adita sabiex tippronunzja d-divorzju jew is-separazzjoni legali.

63. Minħabba n-natura mandatorja tat-teħid inkunsiderazzjoni tal-aħjar interess tal-minuri, il-ġurisdizzjoni tal-qorti li tintalab tieħu konjizzjoni tiegħu għandha tosserva l-kriterju tal-qrubija u teskludi kull kriterju ieħor.

64. Fil-kawża prinċipali, l-aħjar interess tal-minuri konsegwentement jimponi li nirrifjuta l-ġurisdizzjoni tal-qrati Taljani favur il-qrati tal-Istat Membru fejn il-minuri għandhom ir-residenza abitwali tagħhom, jiġifieri l-qrati Ingliżi, peress li dawn tal-aħħar għandhom ukoll ġurisdizzjoni sabiex jieħdu konjizzjoni tal-azzjoni relatata mar-responsabbiltà tal-ġenituri skont l-Artikolu 8(1) tar-Regolament Nru 2201/2003.

65. Minn dan naturalment jirriżulta li f'sitwazzjoni bħal dik fil-kawża prinċipali, il-libertà tal-partijiet li jagħżlu l-qorti li għandha ġurisdizzjoni hija ristretta. Dan la jidher xokkanti u lanqas kuntrarju għall-prinċipji fundamentali f'dan il-qasam, peress li l-partijiet inkwistjoni fil-fatt huma l-ġenituri u r-restrizzjoni ta' din il-possibbiltà tal-għażla hija imposta fuqhom għall-aħjar interess tal-wild/ulied minuri tagħhom.

IV – **Konklużjoni**

66. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha indikati iktar ’il fuq, nissuġġerixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi kif ġej għad-domanda magħmula mill-Corte di cassazione:

1) L-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 4/2009, tat-18 ta’ Diċembru 2008, dwar il-ġurisdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet u l-kooperazzjoni f’materji relatati ma’ obbligi ta’ manteniment, għandu jiġi interpretat fis-sens li, meta tkun teżisti azzjoni prinċipali relatata ma’ separazzjoni legali tal-konjuġi u titqajjem kwistjoni relatata ma’ obbligi ta’ manteniment fir-rigward tal-ulied minuri fil-kuntest ta’ din il-proċedura ta’ separazzjoni, il-qorti adita b’dik il-proċedura għandha l-ġurisdizzjoni sabiex tieħu konjizzjoni ta’ din il-kwistjoni relatata ma’ obbligi ta’ manteniment.

2) It-teħid inkunsiderazzjoni tal-aħjar interess tal-minuri f’dan il-każ jeżiġi li l-ġurisdizzjoni territorjali tkun iddeterminata mill-kriterju tal-qrubija.